*9 ta' Ottubru, 2011*

93/2011

**RAPPORT FINANZJARJU U PASTORALI 2010**

**U L-ĦIDMA SOĊJALI TAL-KNISJA F'MALTA**

**Data: It-Tnejn, 10 ta' Ottubru, 2011**

Post: Kurja tal-Arċisqof, Floriana

Ħin: 12.00 p.m.

F'konferenza ta' l-aħbarijiet li se ssir għada, it-Tnejn, se jiġi ppreżentat ir-rapport Finanzjarju u Pastorali tal-Arċidjoċesi ta' Malta għas-sena 2010. Dan ir-rapport jinkludi r-riżultati finanzjarji ta' aktar minn mitt entità li ħafna minnhom jaħdmu fil-qasam soċjali.

**Data: L-Erbgħa, 12 ta' Ottubru, 2011**

Post: Dar Sant'Anna, Triq ix-Xatt, l-Isla

Ħin: 10.00 a.m.

Wieħed mill-oqsma soċjali li fiħ il-Knisja toffri servizz u li għalih jinħareġ sussidju sostanzjali huwa dak tal-anzjani, b'responsabbiltà diretta ta' ħames djar. Il-membri tal-istampa qed jiġu mistiedna għal *press tour* mad-dar tal-anzjani Sant' Anna li qed ikollha żżomm lura milli tidħol għal proġett ġdid.

**Data: Il-Ġimgħa, 14 ta' Ottubru, 2011**

Post: Is-Seminarju tal-Arċisqof, tal-Virtu'

Ħin: 10.30 a.m.

Minkejja l-limitazzjonijiet finanzjarji, il-Knisja ma baqgħetx lura milli tinvesti fil-qasam edukattiv. Il-membri tal-istampa qed jiġu mistiedna għal *press tour* mal-iskola primarja ġdida tas-Seminarju, li minn din is-sena skolastika bdiet tilqa' l-ewwel studenti.